MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 232/16LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Robert u Connie miżżewġin Schembri**
**(K.I. numri 494872 (M) u 56380 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-22 ta' Marzu, 2016 mis-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") li permezz tiegħu u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 2 ta' Marzu, 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Robert u Connie miżżewġin Schembri;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Robert u Connie miżżewġin Schembri fis-somma ta' sitta u tmenin elf, seba' mija u tmienja u disgħin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€86,798.78) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Robert u Connie miżżewġin Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4" u Dok. "C1 sa C3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Robert u Connie miżżewġin Schembri:*

   *(a) Naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Robert u Connie miżżewġin Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

5. *Illi l-konvenuti Robert u Connie miżżewġin Schembri ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 17 ta' Frar 2009, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "D", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u esebit bħala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Robert u Connie miżżewġin Schembri (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Robert u Connie miżżewġin Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Robert u Connie miżżewġin Schembri jħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitta u tmenin elf, seba' mija u tmienja u disgħin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€86,798.78) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Robert u Connie miżżewġin Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4" u Dok. "C1 sa C3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 17 ta' Frar, 2009 (Dok. "D") kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Mejju, 2016 u tat-30 ta' Settembru, 2016 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti **Robert u Connie miżżewġin Schembri** (minn issa "l-konvenuti") kienu debitament notifikati u li iżda ma kinux ippreżentaw risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Qrat l-affidavit (a fol. 31 u 22) ta' **Johanna Bartolo** rappreżentanta tas-soċjetà attriċi.

Semgħet id-depożizzjoni ta' **Dorianne Tanti** (a fol. 48 u 49) rappreżentanta tas-soċjetà attriċi li xehdet li ma tħallas xejn mill-konvenuti mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2016 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

Rat li fl-istess seduta din il-Qorti akkordat għaxart ijiem lill-konvenuti biex iressqu nota ta' sottomissjonijiet a tenur tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12, iżda dawn baqgħu ma ressqu xejn.

Jirriżulta li s-soċjetà attriċi ppruvat l-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tal-konvenuti Robert u Connie miżżewġin Schembri, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u esebit bħala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u**

**2. Tikkundanna lil konvenuti jħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitta u tmenin elf, seba' mija u tmienja u disgħin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€86,798.78) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuti mas-soċjetà attriċi (Dok. "B1 sa B4" u Dok. "C1 sa C3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 17 ta' Frar, 2009 (Dok. "D") kontra l-konvenuti.**

Moqrija.